MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA

Seduta tal-11 ta' Ottubru, 2011

Numru. 29/2006

**Il-Pulizija**
**Spettur James Grech**

**Vs**

**PHILIP AGIUS**

**Il-Qorti,**

Rat li l-imputat **PHILIP AGIUS** ta' 22 sena, bin Alfred u Monica nee' Grech imwieled il-Pieta fit-23 ta' Ottubru 1983 u joqghod Block B2, Flat 6, Triq Nerik Sant, Zebbug (Malta) detentur ta' l-karta tal-identita' numru 562483(M) tressaq quddiemha akkuzat talli:-

1. Fit-12 ta' Jannar 2006, ghall-habta tan-nofs siegha ta' wara nofsinhar minn gewwa l-hanut lli jinsab fi Triq San Pawl, il-Belt Valletta, ikkommetta serq ta' basket ta' kulur kannella (handbag) li

kien fih diversi oggetti, fosthom Visa Card tal-APS Bank, karta tal-identita', dokumenti personali, tlett cheque books tal-HSBC u cheque Book tal-APS Bank, arlogg tal-idejn tal-marka Pulsar u oggetti ta' make up ghad-dannu ta' Claire Vella.

2. U aktar talli b'hekk sar recidiv u kif ukoll talli kkometta reat fil-perijodu operatttiv ta' sentenzi sospizi moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) fit-2 ta' Novembru 2005, liema sentenza ma tistax tigi mibdula jew mahfura.

Semghet l-ammissjoni tal-imputat kif registrata fl-atti fis-seduta ta' llum stess il-11 t'Ottubru, 2011.

Illi din il-Qorti osservat dak li jiddisponi l-Artikolu 453(1) tal-Kap. 9 u cioe' wara li l-imputat wiegeb li hu hati, din il-Qorti wissietu b'mod l-aktar solenni fuq il-konsegwenzi legali ta' dik it-twegiba tieghu, u taghtu zmien xieraq biex jekk irid jerga' lura minnha, w kien wara li staqsietu t-tieni darba li l-Qorti ghaddiet biex taghti kaz din l-ammissjoni tieghu.

Illi ghalhekk fuq l-ammissjoni volontarja w inkondizzjonata tal-istess imputat, il-Qorti tiddikjara li m'ghandhiex triq ohra salv li ssibu hati tal-akkuzi kollha kif dedotti kontra tieghu.

Rat id-dokumenti kollha esebiti fosthom il-kunsens tal-Avukat Generali datat 25 ta' Jannar 2006 sabiex din il-kawza tigi trattata bi procedura sommarja (fol. 16) u il-Fedina Penali tal-imputat (fol. 4).

Rat dak li gie verbalizzat fis-seduta tal-11 ta' Ottubru 2011 fejn il-Prosekuzzjoni ddikjarat li l-imputat ikkopera hafna maghha tul din l-investigazzjoni, li r-res furtiva giet kollha ritornata w ghalhekk is-socjeta' ma sofriet l-ebda dannu materjali, li l-imputat illum ghandu impieg fiss u b'mod regolari u li m'ghadx ghandu aktar il-vizzju tat-tehid ta' drogi. Inoltre rat ukoll li fl-istess seduta l-Prosekuzzjoni rtirat l-akkuza tar-recidiva, stante li s-sentenzija moghtija fil-konfront tal-imputat fit-2 ta' Novembru, 2005, ma kinitx

ta’ piena karcerarja sospiza, izda ta’ Probation, ghaldaqstant il-Qorti sejra tastjeni milli tiehu konjizzjoni ta’ tali akkuza.

Il-Qorti ghalhekk a bazi tal-ammissjoni ta’ l-imputat stess m’ghandhiex triq ohra salv li ssibu hati tal-akkuza kif moghtija mill-Prosekuzzjoni.

Ai fini ta’ piena l-Qorti kkunsidrat is-segwenti fatturi:

1. L-ammissjoni tal-imputat;
2. Il-ko-operazzjoni tal-imputat mal-prosekuzzjoni;
3. Ir-res furtiva giet kollha ritornata lura lil sidha legittimu;
4. Li s-socjeta’ ma sofriet l-ebda dannu materjali;
5. Li l-imputat qata’ mill-vizju mishut ta’ tehid ta’ drogi w li ghalhekk jisthoqqlu opporunita’ li jibqa’ fit-triq it-tajba ‘l boghod mill-kriminalita;
6. Li l-imputat biddel hajtu tant li anke sab impjieg regolari u qed jghin lilu nnifsu;
7. Li l-akkuza ta’ recidiva giet irtirata mill-Prosekuzzjoni.

Il-Qorti tirrileva li ma giex ipprovat l-ammont tas-serqa w ghalhekk din il-Qorti trid issibu hati biss ta’ serq semplici ai termini tal-**artikolu 294 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta**.

**Ghaldaqstant il-Qorti wara li rat l-artikoli tal-ligi w appuntu l-Artikoli 284 u 285 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, qieghda tiddikjara li ssib lill-imputat PHILIP AGIUS hati tal-akkuza w tikkundannah piena karcerarja ta’ xahrejn sospizi ghall-perijodu ta’ sena millum, ai termini tal-Artikolu 28 A tal-Kap. 9.**

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------